MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 379/2008

**A B**

**vs**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok. A';
2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-ligi;

Talab ghalhekk li l-konvenuta jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tas-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) huwa null u minghajr effett fil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata u b'hekk hija kontumaci;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur A B u l-intimata D E datat is-6 ta' Gunju 2002 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha taghha l-intimata, minkejja li giet debitament notifikata, ma prezentat ebda risposta u ghalhekk, hija kontumaci fil-proceduri odjerni. Pero', l-intimata xorta wahda taghti l-verzjoni taghha.

**<u>Il-Verzjoni tal-attur</u>**

L-attur jghid li ltaqa' mal-intimata fuq il-post tax-xoghol u wara tmien snin gherusija ddecidew li jizzewgu. L-attur jghid li hekk kif akkwistaw il-post li kien intiz li jkun id-dar

taz-zwieg, apparti li kellu xoghol fuq bazi *part-time,* kien ukoll imur f'dan il-post biex jahdem. Huwa jghid ukoll li r-relazzjoni taghhom kienet wahda normali fis-sens li qatt ma waslet ghal xi firda temporanja.

L-attur jghid li minkejja li ma kienx hemm dejn ma' xi bank, il-partijiet kellhom id-dejn ma' missieru u xtaq li dan jithallas kemm jista' jkun malajr. Kien proprju ghalhekk li xtaq li l-intimata ssib xoghol *part-time* ukoll (anke sabiex teghda waqt li hu jkun fuq ix-xoghol *part-time* tieghu) izda dwar dan, skond l-attur jidher li bejn il-partijiet ma kienx hemm qbil.

L-attur imbaghad isemmi episodji li waslu lill-intimata sabiex terga' trabbi l-passjoni taghha ghaz-zwiemel u ghat-tlielaq minkejja li l-attur kien kontra din l-intenzjoni taghha ghall-giri u t-tlielaq taz-zwiemel ghaliex beza' li setghet twegga' b'mod permanenti. Hu jghid li hekk kif l-intimata webset rasha u baqghet tinsisti li trid ittellaq, bdew il-problemi serji bejniethom ghax saret ossessjonata bl-istalel u z-zwiemel, bir-rizultat li traskurat kemm lill-istess attur kif ukoll id-dar taghhom sahansitra sal-istadju fejn l-attur lanqas kien isib x'jilbes ghax il-hasil tal-hwejjeg beda jsir l-aktar darba fost il-gimgha. Hu jghid ukoll li meta kien jipprova jifthilha ghajnejha dwar kif kien qieghed ihossu, hi kienet jew tissuggerilu li jmur ghand ommu jew li jiekol *sandwich*. Fi ftit kliem l-attur jghid li l-intimata kwazi abbandunatu biex tghix din il-hajja hekk dedikata liz-zwiemel. Xejn ma sewa l-*councelling* jew is-sessjonijiet ta' Kana ghaliex l-intimata rrifjutat li tifhem li bl-agir taghha kienet qieghda twegga' lill-attur u ccahdu mill-hajja mizzewga li kien aspira ghaliha.

**<u>Il-verzjoni tal-intimata</u>**

L-intimata tghid li l-glied bejn il-partijiet kien jinqala' ghaliex l-attur kien jahdem hafna u hi riditu jahdem anqas. Hi tghid li fl-gherusija ftit li xejn kienu jiltaqghu ghaliex kienu jkunu t-tnejn xoghol. L-intimata tghid ukoll li dan l-atteggjament kompla wkoll fiz-zwieg, tant li l-attur kien jahdem bil-lejl u jaghmel kull tip ta' xoghol. Hi tghid ukoll li fil-hajja mizzewga, ftit li xejn kienu johorgu u tibbaza dan

in-nuqqas ta’ hrug minhabba l-ammont ta’ xoghol li kien jaghmel l-attur.

Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-intimata tammetti li l-attur kellu ragun fuq il-kunfidenzi zejda bejnha u bejn il-persuna fl-istalel u z-zwiemel, izda tghid li dan ma kienx mill-bidu.

**Il-mertu tal-kaz odjern**

Il-Qorti tinnota li l-passjoni tal-intimata ghaz-zwiemel u ghat-tigrijiet hija kkorraborata mix-xiehda ta’ omm l-attur Margaret B li tghid li proprju minhabba din il-passjoni li kellha l-intimata, meta kienet tmur ghandhom id-dar kienet tinnota li d-dar traskurata kif ukoll li binha kien imur ghandha ghall-ikel ghaliex l-intimata ma kienitx tiehu hsieb. Il-Qorti tirrileva li bejn koppji mizzewga m’ghandux ikun hemm lok ghal fehmiet antikwati fejn il-mara kellha necessarjament issajjar ghal zewgha biex tkun mara tajba. Il-Qorti ma tara xejn hazin billi l-attur kien isajjar ghal martu flok vice versa izda tinnota li min-naha taghha, l-intimata ma kienitx qieghda tikkontribwixxi ghall-hajja mizzewga u ghas-serenita’ ta’ bejniethom bhala koppja. Jidher car li l-piz kollu taz-zwieg u tar-responsabbilitajiet abbinati mieghu waqghu kompletament fuq l-attur u dan mhux xieraq ghaliex fiz-zwieg, il-patt huwa bejn iz-zewg partijiet b’mod ugwali bejniethom. Il-fatt li l-priorita’ tal-intimata baqghet dejjem il-*horse riding* u l-imhabba taghha lejn iz-zwiemel minflok l-imhabba taghha lejn zewgha, juri bic-car li l-intimata ma riditx li taghti priorita’ lill-familja taghha u ma riditx lanqas tiddedika hin ghall-istess zewgha. Kollox kien idur fuq iz-zwiemel.

Iz-zwieg bejn il-partijiet dam biss ftit ‘il fuq minn sena, liema perjodu huwa wkoll indikattiv tan-nuqqas da parti tal-intimata li taghmel naqra sforz sabiex taghti ftit tal-hin u attenzjoni lil zewgha. Dan huwa kkorraborat ukoll bix-xhieda ta’ Joseph Navarro li jghid li l-intimata ma setghetx taggusta ruhha ghall-hajja mizzewga minhabba l-fissazzjoni taghha fuq iz-zwiemel kif jikkonferma wkoll ix-xhud Joseph Abela permezz tal-affidavit tieghu. Victor Fenech jixhed ukoll li anke ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ tqassim ta’ paga ghal hajja u necessitajiet ohra ma

kienux jezisti ghaliex l-intimata kienet tonfoq il-paga kollha fuq hwejjeg kwazi kif tirceviha.

Ix-xhud Joseph Abela jaghti deskrizzjoni tal-istat emozzjonali tal-attur meta dan tal-ahhar kien jiftah qalbu mieghu dwar iz-zwieg tieghu. Dan ix-xhud flimkien max-xhud Godwin Chircop jikkorraboraw dak li jiddiskrivi l-attur, u cioe’ li ghal dawk li huma l-obbligazzjonijiet taz-zwieg, l-attur kien jerfa’ kollox wahdu minkejja li kien prova juriha li issa kellha *commitment* li kellha zzomm mieghu. Dan in-nuqqas da parti tal-intimata jkompli jimmanifesta ruhu fil-kuntest tal-ulied. Margaret B tghid ukoll li l-intimata stqarret maghha li qatt ma riedet ir-rabta taz-zwieg ghaliex ma riditx tfal u li bezghet tghid dan kollu lill-attur ghaliex bezghet li jitlaqha, peress li kienet taf li l-attur ried jifforma familja. L-attur jghid li l-intimata, fiz-zwieg kienet stqarret mieghu li “***I don’t want to grow fat, ibezzghuni t-tfal u hafna minn dawn l-aspetti…***”. L-intimata tikkonferma fix-xhieda taghha wkoll li kellha bdil tal-hsieb dwar it-tfal ghaliex tghid li filwaqt li fil-bidu riedet it-tfal, imbaghad bdiet tibza’ u ma riditx. Dan necessarjament iwassal lill-Qorti sabiex tifhem li minkejja li fil-bidu kienet qalet lill-attur li riedet it-tfal, sussegwentement bidlet fehmtha, bir-rizultat li l-attur hassu ngannat. Irid jinghad ukoll li l-fatt li l-intimata kienet pjuttost bierda ghall-att taz-zwieg, ukoll juri li l-partijiet ma kienux jghixu f’komunjoni ta’ hajja u mhabba. F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Farrugia Stephania vs Farrugia Alexander**[1] fejn gie ritenut li “***meta fiz-zwieg il-koppja tkun esperjenzat problemi ta’ bruda fil-konfront ta’ xulxin, b’mod li nonostante l-isforzi li jaghmlu l-partijiet, jiskopru li ma jistghux jghixu l-hajja konjugali flimkien bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied***”, iz-zwieg bejn il-partijiet ikun null u bla effett. Fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li kollox juri li l-partijiet kienu jghixu hajja separata ghalkemm kienu jghixu taħt l-istess saqaf, ghaliex filwaqt li l-attur jidher li kien biezel u habrieki ghax-xoghol, l-intimata kellha l-passjoni ghaz-zwiemel u dan

[1] Deciza nhar it-8 ta’ Gunju 2011 (Cit Nru: 13/2010)

wassalhom sabiex prattikament ma jghixux ta' koppja mizzewga.

Ix-xhud Joseph Navarro prodott mill-attur jghid li ma kellux fiducja illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet ser tirnexxi ghaliex fi kliemu stess, il-konvenuta "***kienet immatura***", "***wisq childish fl-atteggjamenti taghha***" u "***mohh ir-riħ***". Anke x-xhud Godwin Chricop jiddiskrivi lill-intimata bhala "***mohh ir-rih***". Kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, mhux kull tip ta' immaturita' hija bizzejjed sabiex twassal lill-Qorti ghal dikjarazzjoni ta' nullita'. L-istess xhud, min-naha l-ohra jiddiskrivi lill-attur bhala ragel serju hafna. F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[2] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"*.*

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[3]

"***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-***

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-intimata ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha, u dan ghaliex jidher bic-car li l-intimata m'gharfitx l-obbligi l-godda li assumiet bhala mart l-attur. Il-priorita' f'hajjitha baqghu iz-zwiemel u l-istalel. Il-fatt li l-istess intimata bidlet fehmtha fuq l-ulied u ghazlet li ma tghid xejn lill-attur hlief wara z-zwieg, hekk kif marbut mal-fatt li l-istess intimata kienet bierda fil-konfront ta' zewgha, huwa wkoll prova cara tan-nuqqas ta' diskrezzjoni fuq l-istess intimata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------